# FOLJA TA' INFORMAZZJONI GĦAD-DEPOŻITANT

| | |
|---|---|
| Informazzjoni bażika dwar il-protezzjoni tad-depożitu | |
| Id-depożiti fl-APS Bank plc jinsabu protetti minn: | L-Iskema ta' Kumpens lid-Depożitant[1], stabbilita taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2015 dwar Skema ta' Kumpens lid-Depożitant |
| Limitu ta' protezzjoni: | EUR 100,000 għal kull depożitant għal kull istituzzjoni ta' kreditu[2] |
| Jekk għandek aktar depożiti fl-istess istituzzjoni ta' kreditu: | Id-depożiti kollha tiegħek fl-istess istituzzjoni ta' kreditu jiġu aggregati u t-total huwa soġġett għal-limitu ta' EUR 100,000 |
| Jekk għandek kont konġunt ma' xi persuna(i) oħra: | Il-limitu ta' EUR 100,000 japplika għal kull depożitant separatament[3] |
| Perjodu ta' ħlas lura fil-każ li l-istituzzjoni ta' kreditu tonqos milli tagħmel dan: | 7t ijiem tax-xogħol[4] |
| Munita li biha jsir il-ħlas lura: | Euro |
| Ikkuntattja lil: | Skema ta' Kumpens lid-Depożitant,<br>c/o Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta<br>Triq l-Imdina, Zone 1<br>Central Business District<br>Birkirkara, CBD1010<br>Tel: (+356) 2144 1155<br>E-mail: info@compensationschemes.org.mt |
| Aktar informazzjoni: | www.compensationschemes.org.mt |

[1] **Skema responsabbli għall-protezzjoni tad-depożitu tiegħek**
Id-depożitu tiegħek jinsab kopert bi Skema ta' Garanzija tad-Depożiti statutorja. Fil-każ tal-insolvenza tal-istituzzjoni ta' kreditu tiegħek, id-depożiti tiegħek jiġu fi kwalunkwe każ imħallsa lura sa l-ammont ta' EUR 100,000.

[2] **Limitu ta' protezzjoni ġenerali**
Jekk depożitu ma jibqax disponibbli għax istituzzjoni ta' kreditu ma tkunx tista' tilħaq l-obbligazzjonijiet finanzjarji tagħha, id-depożitanti jitħallsu lura mill-Iskema ta' Kumpens tad-Depożitanti, kif hemm fir-Regolamenti. Dan il-ħlas lura jkopri massimu ta' EUR 100,000 għal kull istituzzjoni ta' kreditu. Dan ifisser li d-depożiti kollha fl-istess istituzzjoni ta' kreditu jingħaddu flimkien sabiex jiġi stabbilit il-livell ta' kopertura. Jekk, per eżempju, depożitant ikollu kont ta' tfaddil b'EUR 90,000 u kont kurrenti b'EUR 20,000 , hu jew hi jitħallsu lura biss EUR 100,000.

Aktar mill-protezzjoni deskritta hawn qabel, id-depożiti jistgħu jiġu protetti f'ċerti każijiet sa massimu ta' EUR 500,000 għal sitt xhur wara li l-ammont ikun ġie kkreditat jew mill-waqt meta dawk id-depożiti jsiru legalment trasferibbli. Sabiex jikkwalifika għal din il-protezzjoni ogħla, depożitu ta' iżjed minn EUR 100,000 għandu jissodisfa lil xi wieħed minn dawn il-kriterji addizzjonali li ġejjin:

A ikun fih:
- i flus depożitati bi preparazzjoni għax-xiri ta' proprjetà residenzjali privata mid-depożitant; jew
- ii flus li jirrappreżentaw il-qligħ tal-bejgħ ta' proprjetà residenzjali privata tad-depożitant; jew

B jinkludi somom imħallsa lid-depożitant dwar:
- i is-separazzjoni, divorzju jew xoljiment tal-unjoni ċivili tiegħu jew tagħha; jew
- ii benefiċċji li jitħallsu mal-irtirar; jew
- iii talba għal kumpens mogħti ghas-sensja inġusta; jew
- iv talba għal kumpens minħabba f'sensja; jew
- v benefiċċji li jitħallsu għall-mewt jew feriment tal-persuna; jew
- vi talba għal kumpens minħabba f'kundanna inġusta.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn www.compensationschemes.org.mt

[3] **Limitu ta' protezzjoni għal kontijiet konġunti**
Fil-każ ta' kontijiet konġunti, il-limitu ta' EUR 100,000 japplika għal kull depożitant. Madankollu, depożiti f'kont li żewġ persuni jew aktar ikunu intitolati għalih bħala membri ta' sħubija f'negozju, assoċjazzjoni jew grupp ta' xorta bħal dik, li ma jkollhomx personalità ġuridika, jiġu aggregati u ttrattati bħallikieku kienu magħmula minn depożitant wieħed għall-iskop tal-kalkolu tal-limitu ta' EUR 100,000.

[4] **Ħlas lura**
L-Iskema ta' Garanzija ta' Depożitu responsabbli hija l-Iskema ta' Kumpens lid-Depożitant, c/o Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, Triq l-Imdina, Zone 1, Central Business District, Birkirkara CBD 1010, Malta; Tel: (+356) 2144 1155;
E-mail: info@compensationschemes.org.mt.
Din tħallas lura d-depożiti tiegħek sa EUR 100,000 fi żmien 7t ijiem tax-xogħol mill-1 ta' Jannar 2024 'il quddiem.

Jekk ma tkunx tħallast lura sa dawn it-termini, għandek tikkuntattja lill-Iskema ta' Kumpens lid-Depożitant ġaladarba ż-żmien li titlob għal ħlas lura jista' jintemm wara ċertu terminu. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn www.compensationschemes.org.mt.

**Informazzjoni oħra importanti**
B'mod ġenerali, id-depożitanti kollha f'livell ta' konsumatur jew negozju jinsabu koperti mill-Iskema ta' Kumpens lid-Depożitant. Xi eċċezzjonijiet għal ċerti depożiti jinsabu mniżżlin fuq is-sit elettroniku tal-Iskema ta' Kumpens lid-Depożitant. L-istituzzjoni ta' kreditu tiegħek se tinfurmak ukoll wara li titlobha jekk ċerti prodotti humiex koperti jew le. Jekk id-depożiti jkunu koperti, l-istituzzjoni ta' kreditu għandha wkoll tikkonferma dan fuq id-dikjarazzjoni tal-kont.

Dawn li ġejjin mhumiex depożiti eliġibbli taħt l-Iskema ta' Kumpens lid-Depożitant:

A Depożiti li joriġinaw minn operazzjonijiet li dwarhom kien hemm kundanna kriminali fuq ħasil ta' flus.

B Depożiti li d-detentur jew kwalunkwe sid benefiċjarju tad-depożitu qatt ma ġie identifikat skont ir-rekwiżiti għall-prevenzjoni tal-ħasil ta' flus fid-data tal-kumpens.

C Depożiti magħmula minn depożitant li huma fost dawn li ġejjin:

- Depożiti magħmulin minn istituzzjonijiet ta' kreditu oħra f'isimhom stess u akkont tagħhom stess
- Fondi proprji tal-Bank
- Depożiti minn istituzzjonijiet finanzjarji
- Depożiti minn ditti ta' investiment
- Depożiti minn intrapriżi tal-assigurazzjoni u minn impriżi tar-riassigurazzjoni
- Depożiti minn intrapriżi ta' investiment kollettiv
- Depożiti minn fondi ta' pensjoni u rtirar
- Depożiti minn awtoritajiet pubbliċi
- Fondi miksuba minflok flus elettroniċi

D Titoli maħruġa minn istituzzjoni u responsabbiltajiet li joriġinaw minn kull aċċettazzjoni proprja u minn kambjali.

E Depożiti li jinżammu mal-istituzzjoni ta' kreditu li tipparteċipa fl-Iskema ta' Kumpens lid-Depożitant imma f'fergħa ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu li tkun tinsab fi Stat mhux Membru taż-ŻEE.[5]

[5] ŻEE tfisser Żona Ekonomika Ewropea, li tinkludi l-Istati Membri tal-UE (jiġifieri l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja , il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja u l-Iżvezja) flimkien mal-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja.